**KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ**

Triq il-Knisja – Iż-Żebbuġ
Nri. tat-tel.: 21563056/27563056
E-mail: zebbug.gozo.lc@gov.mt

# AVVIŻI MILL-KUNSILL LOKALI

## ĦARĠA GĦAL MALTA

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ ser jorganizza ħarġa għal Malta nhar **it-Tnejn 31 ta' Marzu 2014**. Nitilqu minn Pjazza l-Assunta fis-6.45 ta' filgħodu u niġu lura mal-vapur tal-4.30 ta' filgħaxija.

Il-programm se jkun dan:

Quddiesa fis-Santwarju tal-Mellieħa
Siġġiewi Limestone Heritage
*(id-dħul €1.50 it-tfal u €4.50 il-kbar)*
Belt Valletta
Inżuru l-Ġonna ta' San Anton.

Dawk li jixtiequ jiġu magħna għandhom jibbukkjaw fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali sal-Ħamis **27 ta' Marzu 2014.**

## LAQGĦA ANNWALI TAL-LOKALITA'

Se ssir laqgħa annwali tal-lokalita' nhar **il-Ħamis 3 ta' April 2014**, fis-Sala tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ, **fil-5.30 ta' filgħaxija**.

Għal din il-laqgħa huma mħeġġa li jattendu u jieħdu sehem fid-diskussjoni dawk il-persuni kollha li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali għall-Kunsill Lokali ta' Iż-Żebbuġ. Ir-residenti li jattendu jkunu jistgħu jagħmlu suġġerimenti biex jiġu kkunsidrati mill-Kunsill.

## APPELL DWAR IL-KLIEB

Wara diversi lmenti li kontinwament qed nirċievu, il-Kunsill Lokali għal darb' oħra qed jappella lilkom residenti biex ma tħallux klieb jiġġerrew barra mhux akkumpanjati mis-sid u kull min joħroġ il-klieb, jiġbor il-ħmieġ li jħallu warajhom. Il-Kunsill qed jitlob għall-koperazzjoni ta' kulħadd.

18 ta' Marzu 2014 Nru. 06/2014